

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1246/2008**tat-12 ta' Diċembru 2008**

li jemenda l-Artikolu 23(2), u l-annessi II u III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 rigward it-trasferiment finanzjarju tal-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid lejn l-iżvilupp rurali

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 tad-29 ta' April 2008 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1493/1999, (KE) Nru 1782/2003, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 3/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2392/86 u (KE) Nru 1493/1999 (¹), u b'mod partikolari t-tieni sentenza tat-tieni subparagraphu tal-Artikolu 23(3) tiegħi,

Billi:

- (1) Is-Slovenja u r-Renju Unit innotifikaw lill-Kummissjoni dwar it-trasferiment finanzjarju tal-baġit allokat għall-programmi ta' għajnuna lejn il-baġit allokat għall-iż-ziġi kupp rurali.
- (2) L-Artikolu 23(2), kif ukoll l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 479/2008 għandhom jiġu emendati skond dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 479/2008 hu emendat kif ġej:

- (1) L-Artikolu 23(2) jinbidel b'dan li ġej:

“2. L-ammonti li għandhom jinħelsu għal kull sena kalendarja huma dawn li ġejjin:

— 2009: EUR 40.66 miljun,

— 2010: EUR 82.11 miljun,

— mill-2011 ‘il quddiem: EUR 122.61 miljun,”

- (2) L-Annessi II u III jinbidlu bit-test fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fit-tielet jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħi f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 12 ta' Diċembru 2008.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 148, 6.6.2008, p. 1.

ANNESS

“ANNESS II

BAĠIT GĦALL-PROGRAMMI TA' GĦAJNUNA

(imsemmijin fl-Artikolu 8(1))

(feluf ta' EUR)

| Sena tal-baġit | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | Mill-2014 'il quddiem |
|----------------|---------|---------|---------|---------|---------|-----------------------|
| BG | 15 608 | 21 234 | 22 022 | 27 077 | 26 742 | 26 762 |
| CZ | 2 979 | 4 076 | 4 217 | 5 217 | 5 151 | 5 155 |
| DE | 22 891 | 30 963 | 32 190 | 39 341 | 38 867 | 38 895 |
| EL | 14 286 | 19 167 | 19 840 | 24 237 | 23 945 | 23 963 |
| ES | 213 820 | 284 219 | 279 038 | 358 000 | 352 774 | 353 081 |
| FR | 171 909 | 226 814 | 224 055 | 284 299 | 280 311 | 280 545 |
| IT (*) | 238 223 | 298 263 | 294 135 | 341 174 | 336 736 | 336 997 |
| CY | 2 749 | 3 704 | 3 801 | 4 689 | 4 643 | 4 646 |
| LT | 30 | 37 | 45 | 45 | 45 | 45 |
| LU | 344 | 467 | 485 | 595 | 587 | 588 |
| HU | 16 816 | 23 014 | 23 809 | 29 455 | 29 081 | 29 103 |
| MT | 232 | 318 | 329 | 407 | 401 | 402 |
| AT | 8 038 | 10 888 | 11 313 | 13 846 | 13 678 | 13 688 |
| PT | 37 802 | 51 627 | 53 457 | 65 989 | 65 160 | 65 208 |
| RO | 42 100 | 42 100 | 42 100 | 42 100 | 42 100 | 42 100 |
| SI | 3 522 | 3 770 | 3 937 | 5 119 | 5 041 | 5 045 |
| SK | 2 938 | 4 022 | 4 160 | 5 147 | 5 082 | 5 085 |
| UK | 0 | 61 | 67 | 124 | 120 | 120 |

(*) Il-limiti nazzjonali msemmija fl-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għall-Italja li jirrigwardaw is-snin 2008, 2009 u 2010, huma mnaqqa b'EUR 20 miljun u dawn lammonti ġew inklużi fil-baġit tal-Italja għas-snin 2009, 2010 u 2011 kif jidher f'din it-tabella.

ANNESS III

ALLOKAZZJONI TAL-BAĠIT GĦALL-IŻVILUPP RURALI

(Artikolu 23(3))

(f'eluf ta' EUR)

| Sena tal-bagħit | 2009 | 2010 | Mill-2011 'il quddiem |
|-----------------|--------|--------|-----------------------|
| BG | — | — | — |
| CZ | — | — | — |
| DE | — | — | — |
| EL | — | — | — |
| ES | 15 491 | 30 950 | 46 441 |
| FR | 11 849 | 23 663 | 35 512 |
| IT | 13 160 | 26 287 | 39 447 |
| CY | — | — | — |
| LT | — | — | — |
| LU | — | — | — |
| HU | — | — | — |
| MT | — | — | — |
| AT | — | — | — |
| PT | — | — | — |
| RO | — | — | — |
| SI | — | 1 050 | 1 050 |
| SK | — | — | — |
| UK | 160 | 160 | 160" |